MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 196/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Elvin Magri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti magħmulin minnu, wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispżizzjoni tal-ligi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, minn Awissu, 2009 sa Frar, 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Romina Xerri u/jew lil bintu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha w/jew ghall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju, 2010, li biha, wara

li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant ikkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fis-6 ta’ Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, iżda tirrevokaha w tħassaraha in kwantu l-appellant gie kkundannat għall-piena ta’ xahar detenzjoni, u minflok tordna li l-istess appellant jiġi kkundannat għal dik il-piena anqas gravuża li jogħġobha timponi din il-Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena, billi, skond l-appellant, il-piena erogata fic-cirkostanzi kollha tal-kaz hi wahda sproporzjonata, minkejja li fil-parametri stabbiliti fil-ligi.

Illi fil-kaz odjern tal-appellant, ghalkemm mhuwiex kontestat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda li tidħol fil-parametri tal-ligi, jirriżulta li meta wieħed iqabbel il-piena li ġiet erogata ma’ pieni li solitament jingħataw mill-istess Ewwel Qorti fil-kaz ta’ “first time offenders”, bħalma hu l-appellant, wieħed isib li effettivament fejn hi r-regola ġenerali li “first time offender” jiġi punit bl-applikazzjoni tal-artikoli 22 u ordni għall-hlas taħt l-artikolu 24 tal-Kap. 446, jew in pessima ipotezi u normalment fil-kaz tat-tieni ksur permezz tal-applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Kap. 9, f’dan il-kaz il-Qorti marret “full blast” fl-erogazzjoni tal-piena w kkundannat lill-appellant ghal xahar detenzjoni.

Huwa minnu wkoll illi l-prosekuzzjoni tista’ targumenta li l-appellant għażel li ma jirreġistrax ammissjoni, pero’ huwa

daqstant ieħor minnu li ħadd ma jista' jigi punit għax jagħżel li jikkontesta l-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu u lanqas hu sew li jkun hemm daqstant avarija enormi bejn min jagħżel li jikkontesta w min jagħżel li jammetti – anke billi skont il-ġurisprudenza d-discount fil-piena li jingħta lil min jammetti mhux daqstant qawwi daqs id-diskrepanza fil-piena li kien hemm f'dan il-kaz ma' pieni solitament erogati mill-istess Ewwel Qorti.

Illi wkoll dan hu l-ewwel kaz fejn l-appellant qed jidher quddiem din il-Qorti.  L-appellant ukoll mhuwiex xi bniedem refrattarju.

Fl-udjenza tal-1 ta' Novembru, 2011, il-Qorti semgħet l-ispjega mogħtija mill-kollha (inklużа dik ċivili) li, wara li ngħatat is-sentenza kienet tħallset parti sostanzjali minn dak li l-appellant kellu jagħti bħala manteniment u tħallas ukoll ammont ieħor  barra dak diġa' msemmi  għalkemm ma kienx għadu tħallas sa l-iċken ewro ċenteżmu sal-jum tas-smigħ tal-appell.

L-appellant jilmenta li l-piena kienet iebsa għax hu first time offender.  Iżda wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll li l-ammont dovut bħala manteniment kien wieħed konsiderevoli.  Dak li kellha quddiemha l-Ewwel Onorabbli Qorti li fiċ-ċirkostanzi għarfet tkun iebsa għax it-tbatija li tkun inħolqot tkun serja wkoll.

**<u>Madankollu, il-Qorti, wara l-iżviluppi ta' ħlasijiet li seħħew, jidhrilha li għandha tirriforma s-sentenza billi ttaffi l-piena waqt li tittama li l-appellant issa jaf x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi jekk ma jħallasx dak li huwa dovut.</u>**

Għaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-3 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet premessi billi tikkonfermaha fis-sejbien ta' ħtija u billi tħassarha  u tirrevokha fejn inponiet il-piena ta' xahar detenzjoni u minflok tikkundanna lill-appellant iħallas amenda ta' €58

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------